Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 14/2016

**Paul Patrick Muscat**

**Vs**

**Awtorita għat-Trasport f'Malta**

6 ta' Mejju, 2019.

1. B'sentenza tat-2 ta' Lulju, 2018 it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ċaħad it-talba tar-rikorrent sabiex iħassar id-deċiżjoni tal-intimata tat-2 ta' Frar, 2016 li biha ġie deċiż li r-rikorrent kiser regolament tal-Liġi Sussidjarja 65.15, u kien kundannat piena ta' 1,000 punt u multa ta' €11,000. Multa mposta skont regolament 21 tal-istess leġislazzjoni sussidjarja.

2. B'rikors preżentat fit-13 ta' Lulju, 2018 ir-rikorrent appella mis-sentenza bl-aggravju jkun il-fatt li t-Tribunal *"... qiegħda tiskarta x-xhieda ta' dawk preżenti waqt il-VRT u tqishom mhux kredibbli daqs ix-xhieda tar-rappreżentanti tal-Awtorita' b'mod a priori u tikkonkludi li 'l-verżjoni mogħtija mir-rikorrent ma hix waħda kredibbli'"*. Imbagħad għadda biex jirreferi għall-partijiet estensivi ta' xhieda li fil-fehma tiegħu kellhom iwasslu lit-Tribunal biex jilqa' t-talba tiegħu.

3. Kif tajjeb osserva t-Tribunal, l-eżitu tal-każ jiddependi dwar lil min temmen.

4. Il-każ hu dwar test tal-VRT li sar fuq vettura proprjeta ta' SG li ħa l-vettura għand il-VRT Service Station tar-rikorrent fil-Għargħur. Id-deċiżjoni impunjata ttieħdet mill-intimata fil-21 ta' Jannar 2016 bir-raġuni tkun li t-*test* sar minn Aaron Muscat (iben ir-rikorrent) li ma kellux liċenzja mill-intimata sabiex jagħmel testijiet. Ir-rikorrent jinsisti li t-*test* sar minnu u ibnu sempliċiment għenu.

5. Hu magħruf li meta appell jitratta biss dwar punt ta' fatt, qorti ta' reviżjoni ma twarrabx faċilment l-apprezzament tal-provi li jkunu saru fl-ewwel stadju sakemm ma jirriżultax li hemm raġunijiet gravi li kellhom iwasslu għal deċiżjoni differenti.

6. Ir-rikorrent xehed li t-*test* għamlu kollu hu, u kif lesta qal lill-ibnu li kien sejjer l-ispiżerija sabiex jixtri mediċina għaliex kien qiegħed iħossu ma jiflaħx; *"**Għidtlu biex joħroġlu l-printout għax il-karozza għaddiet**, għax iċċekjajta jiena u għidtlu biex jagħtihielu u għidtlu li sejjer lura mill-aktar fiss possibbli"* (fol. 20). Aaron Muscat (iben ir-rikorrent) xehed li t-test fuq il-

vettura sar minn missieru u, *"... x'ħin lesta t-test,* ***ħariġlu ċ-ċertifikat*** *(li) kienet għaddiet il-karozza u jiena ppreparajtlu l-irċevuta fiskali u sadanittant missieri qalli, 'ħa mmur sal-polyclinic malajr ħa nara nistax nieħu xi ħaġa"* (fol. 27). Għalhekk filwaqt li r-rikorrent igħid li qal lill-ibnu biex joħroġ il-*printout*, ibnu xehed li kien missieru li ħareġ iċ-ċertifkat. Din hi l-ewwel indikazzjoni ta' nuqqas ta' konsistenza.

7. Ir-rikorrent xehed li meta mar lura l-garaxx sab l-uffiċjali tal-intimata li staqsewh min kien għamel it-test fuq il-BMW, u wieġeb li t-*test* sar minnu. Mistoqsi x'kulur kienet, wieġeb 'blu'. Pero' l-vettura kienet bajda. Għalkemm qal li kien żball ġenwin għaliex jara ħafna vettura, il-qorti ma temmnux meta tqies li skont il-verżjoni li ta ibnu missieru dam barra mill-garaxx xi tlett kwarti. M'huwiex kredibbli li f'ħin hekk qasir kien ser jitfixkel il-kulur tal-vettura li kien ra tlett kwarti qabel.

8. Għalkemm ir-rikorrent irrakkonta lill-uffiċjali tal-intimata li kien mar fi spiżerija n-Naxxar għaliex ma kienx f'siktu, kif osserva t-Tribunal ma urihomx mediċina jew riċevuta. Dan ukoll hu rilevanti għalkemm mhux determinanti.

9. SG qal li l-uffiċjali tad-Dwana li waqfuh ma kinux jitkellmu bit-Taljan. Joseph Mifsud kien wieħed mill-uffiċjali fuq il-post, u rriżulta li jista' jikkomunika b'dik il-lingwa. Fil-fatt meta sar konfront bejn u x-xhud beda jwiegeb b'Taljan li jiftiehem.

10. Ix-xhud SG, xhud tar-rikorrent, iffirma d-dokument JM1 (fol. 60) li jaqra *"Aaron test fatto da Aaron Muscat"*. Dokument li inkiteb bil-lingwa Taljana. Iben ir-rikorrent stess in kontro-eżami xehed li fil-preżenza tal-uffiċjali tal-intimata, meta SG kien mistoqsi min għamel it-test fuq il-vettura, ippunta lejh (fol. 151). Mela x-xhud identifika l-persuna li kienet għamlet it-test fuq il-vettura tiegħu. Dan wara kollox kif ikkonfermat mill-istess uffiċjali tal-Awtorita'. SG ma jitwemminx meta qal li ma kienx kapaċi jidentifika min kienu Paul u Aaron.

11. SG semma wkoll li kien mgħaġġel biex jitlaq. Pero' mill-verżjoni li taw l-uffiċjali tal-intimata irriżulta li dam mhux ftit fuq il-post.

12. L-uffiċjali ta' Trasport Malta kienu għassa għall-vetturi ħerġin mill-garaxx tar-rikorrent, li għandu entratura waħda fi Triq Santa Katerina. Triq dejqa. Ikkonfermaw li fl-ebda ħin ma raw lir-rikorrent joħrog mill-garaxx. Hekk per eżempju George Farrugia xehed, *"Irrid ngħid ukoll illi fil-ħin illi aħna konna barra l-VRT Station la aħna u lanqas l-Enforcement Officers ma konna rajna lil ħadd ħiereġ minn din il-VRT Station illi għandha entratura waħda biss illi tagħti għal triq dejqa li tagħti għall-Għargħur. Kieku Paul Muscat ħareġ minn hemm kif qed jiġi allegat, kieku aħna ma stajniex ma narawhx"* (fol. 45). L-istess xehed Joseph Mifsud (fol. 77). Għall-qorti dan jista' jfisser biss li r-rikorrent ma kienx fil-garaxx waqt li kien qiegħed isir it-test fuq il-vettura ta' SG.

13. AB, xhud ieħor tar-rikorrent, xehed li kien preżenti fil-garaxx u kkonferma li l-VRT sar mir-rikorrent. Spjega li dakinhar kien ukoll ħa l-vettura tiegħu għat-test tal-VRT. Pero' ma kienx kapaċi igħid x'marka u kulur kienet il-vettura li fuqha għamel it-test ir-rikorrent (fol. 90). Mistoqsi min kien hemm fil-garaxx, semma raġel ieħor. Pero' ma kienx kapaċi jgħid x'kien qiegħed jagħmel. Dan minkejja li AB xehed li kien ilu fil-garaxx mid-9.00 ta' filgħodu, u allura suppost ra x'kien għaddej fil-garaxx għaliex kien qiegħed isir it-test fuq il-BMW. AB wasal biex qal li wara li l-vettura ħarġet mill-garaxx u daħlu l-uffiċjali tal-intimata, ix-xufier ta' dik il-vettura ma reġax daħal fil-garaxx. Il-provi juru mod ieħor. AB m'huwiex xhud kredibbli.

14. Wara li l-qorti qrat dak li xehedu l-uffiċjali tal-intimata li xehedu, m'hijiex tal-fehm li hemm inkonsistenzi f'dak li qalu li kellhom iwasslu lit-Tribunal sabiex jiskarta l-verżjoni li taw.

15. Ix-xhieda nstemgħu mit-Tribunal. Għalhekk kien fl-aħjar posizzjoni li jiżen u jiddeċiedi dwar il-kredibbilta' ta' kull xhud. Il-qorti m'għandhiex dubju li f'dan il-każ ma sar l-ebda żball manifest fl-apprezzament tal-provi, u għalhekk m'hemm ġustifikazzjoni sabiex jintlaqa' l-appell tar-rikorrent.

16. Hu minnu li m'huwiex ċar jekk l-uffiċjali tal-Awtorita' talbux lil SG jurihom iċ-ċertifikat tat-test li kien sar fuq il-vettura. Fil-fehma tal-qorti dak kien dokument li messu ntalab lil SG u ttieħdet kopja tiegħu. Pero' in-nuqqas tiegħu ma jfissirx li l-verżjoni tal-attur għandha mis-sewwa. M'hemmx kwistjoni li t-test fuq il-vettura sar. Il-kwistjoni kienet biss dwar jekk it-test sarx mir-rikorrent jew minn ibnu li m'għandux liċenzja sabiex jagħmel testijiet.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.**

Anthony Ellul.